**Minuti tal-Laqgha Nru 23 tal-Hames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret, il-Erbgha 19 ta'Novembru, 2008 fis-7.30p.m.**

Il-Laqgha bdiet fis 7.50p.m.

Il Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taht:

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.50p.m. | 10.10p.m. |
| Vici Sindku Josette Agius Decelis | 7.30p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.50p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Dr. Shirley Farrugia | 7.50p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.55p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kinsillier Perit Chris Grech | 7.40p.m. | 10.10p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skuzat | |
| Kunsillier Nicola' Fenech Adami | 20.59p.m. | 10.10p.m. |

Is-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien prezenti ghal-laqgha.

Is-Sindku mexxa il-laqgha tal-kunsill.

Fil-bidu tal-laqgha, is-Segretarju Ezekuttiv avza li huwa kellu zewg items li kien ser iressaqhom fl-Item: **Hwejjeg Ohra** fl-ahhar tal-laqgha.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha Nru 22 (14ta'Ottubru 2008)**

1.1 Intalbu u gew approvati dawn il-Korrezzjonijiet:

(a) **Fil-Paragrafu 5.1** minflok il-kliem **' Vjal il-Qalbiena Mostin'** jidhlu il-kliem **'Difiza Civili'**.

(b) Wara **Item 7 'Gieh il-Mosta'** u qabel **Item 8 'Impjieg tal-Handyman'** jidhol paragrafu iehor kif gej:

7.1 F'dan il-hin Il-kunsillieri Joseph Demartino u Nicola' Fenech Adami hargu mill-laqgha.

(c) **F'Item 8** it-tieni linja tat-tieni paragrafu jitnehhew il kliem **'il-gdid, is-Sur Marco Briffa'.**

Il-Minuti gew approvati.

2.0 **Taghrif mill-Minuti**

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li skond kif gie ordnat huwa kien qed ipoggi fuq il-mejda *file* bid- *daily sheets* tax-xoghol taz-zewg *handymen* ghall-informazzjoni tal-kunsilliera. Dan ser jibda jsir regolarment.

2.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-kunsilliera li fuq parir li ha minghand ufficjali tad-Dipartiment tal-kunsilli ma' kienx korrett li waqt lagqghat tal-Kunsill jittiehed *secret vote* bhall ma gara fil-kaz tal-ghoti ta' Gieh il-Mosta u li votazjoni ghandha issir biss *b'show of hands*

2.3 . Tqajjem il-kaz li that l'Item **'Hweggeg Ohra'** gie approvat tibdil fis-sistema tal-gbir ta' skart mid-djar tar-residenti Mostin u l-Kunsillier Paul Agius ikkonferma li din is-sistema ghaddiet mill-Kunsill tant li huwa kien esebixxa avviz lir-residenti li kien ser jitqassam fid-djar tal-Mosta kollha. Huwa qal li dak il-hin kien ghad-hemm *'quorum'* fil-laqgha . Huwa semma kif is-sistema qed tahdem tajjeb hafna u li

huwa personalment, flimkien mal-kuntrattur, kien qed jiehu hsieb il-ftit problemi li kien ghad hemm u li xi ftit jew wisq ta' bilfors jinqalaw.

2.4 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li huwa kien wassal l'istruzzjonijiet tal-Kunsill lill-avukat tal-Kunsill, Joe Mifsud, sabiex dan javza lis-Sur Reuben Buhagiar biex jirritorna c-cwievet tal-post fiz-Zokrija. Sa issa dawn ic-cvievet ma' gewx irritornati u ghallhekk huwa kien ser jerga jinsisti mal-avukat dwar dan.

3.0 **Korrispondenza**

Is-Segretarju Ezekuttiv, ghall darba ohra, gibed l'attenzjoni li minn laqgha ghall-ohra kienet qed takkumula kwantita kbira ta' korrispondenza li tibqa bla ma' tigi diskussa billi qatt ma jkun hemm hin bizzejjed ghall-dan l'*Item.*

3.1 Ittra minghand '*Exalco*' li tghid li huma ghandhom il-permess tas-sur Pule' tal-ADT ghall- *bollards* fi-pjazza 21ta'Settembru. Il-Kunsill ta' struzzjonijiet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jikkomunika mas sur-Pule' tal-ADT sabiex jivverifika dan u jinsisti li dawn il-*bollards* u tabella li tpoggew, fin-nofs tal-karreggjata min fejn jghaddu n-nies, b'periklu kemm ghall-pedestrians kif ukoll ghas-sewwieqa ta'karozzi li jkunu qed iduru min Triq il-Kostituzzjoni ghall-pjazza tal-monti, jitnehhew. Gie deciz li jittiehdu l-passi kollha mehtiega sabiex dawn jitnehhew, anke jekk hemm bzonn bin-nies tal-Kunsill. Ghandu jinstab post iehor aktar adekwat ghat-tabella.

3.2 Ittra minghand is-Sur Charles Abela, President tal-kazin tal-futball u tal-kumitat tat-tmexxija tal-Grawnd tal-Ghajba, dwar is-sitwazzjoni tal-kontijiet tal-elettriku tal-grawnd. Is-Sindku qal li ma kien hemm l-ebda zviluppi f'dan ir-rigward. Id-decizjoni tal-kunsill hija li l-kunsill lest ihallas, ghall-darba wahda biss, terz (jigifieri Euro 5,000) mill-kont bil-kundizzjoni li l-kumitat jsib mezz kif jhallas iz-zewg terzi l'ohra (jigifieri Euro 10,000) tal-kont. Is-Segretarju Ezekuttiv gie moghti struzzjonijiet li jithallsu l'Euro 5,000 biss jekk fl'istess hin il-kumitat tal-grawnd jipprovdi l'Euro 10,000 l'ohra u mhux qabel. Mhux accettabli li jithallsu biss Euro 5,000 mill-Kunsill bhala akkont u jithalla bilanc x'jithallas.

3.3 Tpoggiet stima tal-*culverts* minghand il-kuntrattur li ser jaghmel x-xoghol fuq Triq il-Parrocca u Triq it-Tama. Gie deciz li ma' jsirux *culverts* f'dawn it-toroq.

3.4 Tpoggiet stima mill-perit Etienne Magri ta' Sant and Mugliett ghall-*culvert* fi-Triq it-Torri. Gie deciz li dan isir meta jinghata l-kuntratt tal-*Period Contract* li tieghu kien diga nhareg it-*tender.*

3.5 Gew approvati zewg abbozzi ta' ittri li kienu ser jintbaghtu. Wahda, lill-Perit konsulent tal-Kunsill, il-Perit Maurice Galea, fejn dan jiggeddidlu l-inkarigu tal-konsulenza u jintalab jissottometti r-rata li biha jithallas ghall-kull siegha xoghol. L'ohra, lic-Chairman tal-*Heritage Malta* li tawtorizzah jinnegozja f'isem il-Kunsill mal-kuntrattur *Project Technik* dwar multa dovuta minhabba dewmien fit-tlestija tax-xoghol f'Ta'Bistra.

3.6 *E-Mail,* mill-avukat tal-Kunsill, ta' verbal ghall-hlas lill-*EneMalta* wara sentenza tal-qorti li fiha l-Kunsill gie ikkundannat ihallas 'danni' wara qtugh ta' *cable.* Gie approvat li meta l-avukat Joe Mifsud jipprezenta l-kont kollu ta' din is-sentenza dan jithallas.

3.7 Gew ipprezentati zewg ittri mis-Sinjuri Charles Vella u Emy Zarb f'isem il-kumitati tar-residenti ta'Santa Margerita u ta'Mlit rispettivament. Il-Perit Chris Grech spjega li dawn it-toroq li qed jintalab li jsir id-dwal tal-Milied fihom ma' humiex l'istess li iddecieda l-Kunsill u li inhargu fit-*Tender.* Huwa qal li jekk il-Kunsill jaqbel u jekk iz-zewg sinjuri li kitbu (u li kienu prezernti ghall-laqgha fost il-publiku) kienu lesti jaghmlu tajjeb li jingabru nofs l'ispejjes mill-hwienet ta' dawk l'*areas* it-tizjin kien jista jsir ukoll bhall ma' sar fic-centru tal-Mosta. Is-Sinjura Josette Agius Decelis qalet li hija ma' taqbilx ma dan ghaliex bl'istess argument setghu isiru t-toroq kollha tal-Mosta u zgur li l-Kunsill ma' jaffordjax li jaghmel dan. Hija ghamlitha cara li hi mhix kontra li jsir tizjin tat-toroq izda qed tghid hekk ghaliex fit-*tender* ma kienux inkluzi dawn it-toroq u ma' tridx li xi hadd jinterpreta d-diskors taghha bhala li hi kontra t-tizjin tat-toroq. It-talba giet rifjutata.

3.8 Is-Segretarju ntalab ma' jkomplix bil-korrispondenza u l-laqgha tghaddi ghall-*items* l'ohra tal-Agenda. Gie propost li tigi ikkunsidrata laqgha apposta li fiha tigi

diskussa biss il-korrispondenza li hemm pendenti. Ma ittiehdet l'ebda decizjoni f'dan ir-rigward.

**4.0 Sospensjoni tar-Regolamenti.**

Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex residenta ta' Triq Tabib Chetcuti tkun tista tressaq ilment dwar il-kundizzjoni tat-toroq ta' l-inhawi ta' wara l'HSBC.

4.1 Is-Sinjorina Maria Borg bdiet billi irrijingrazjat lill-Kunsill ghax xoghol siewi li kien qed jaghmel. Hija kompliet billi qalet li it- toroq imsemmija kien hemm bozon isirilhom *patching* urgenti ghax dawn jinsabu f'kundizjoni dizastruza b'hofor kbar u fondi. Fill-kantuniera ta'Triq it-Tabit Chetcuti ma' Triq Nicolo' Isouard jzomm hafna ilma tax-xita. Barra minnhekk qed isir sewqan qawwi (veloci) fi Triq Nicolo' Isouard b'periklu ghar-residenti. Il-kunsill irringrazzja lis-Sinjorina Borg u assiguraha li minkejja li kien hemm pjan li jsir wicc gdid bit-tarmac ta'dawn it-toroq, li izda xi permessi ghalihom mid-dipartiment tal-kunsilli kien ghadhom ma ' nhargux, xorta wahda ser jara li jsir il-*patching* mehtieg b'mod temporanju.

**5.0 Materji Finanzjarji.**

5.1 Billi is-Sinjura Romina Perici Ferrante ma' kienetx prezenti ghall-laqgha, dan l'*Item* ghall-approvazjoni tal-*accounts* ta' Gunju u Settembru 2008 thalla ghall-laqgha ohra fejn kien mistenni li tattendi l'*accountant* sabiex tispjega kif mehtieg.

5.2 Gew aprovati listi ta'pagamenti ghas-somma ta' (1) Euro 103,546.07 li kienu ghad iridu jsiru, (2) Euro 47,189.73 pagamenti li saru b'mod urgenti u (3) Euro 189.94 u Euro 64.27 bhala *Petty Cash Items* ghax-xhur Awissu u Settembru 2008 rispettivament.

5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv gie moghti struzzjonijiet sabiex ma jithallasx il-bilanc ghax-xoghol li sar fit-tnehhija tal-konok ta' Triq il-Kostituzzjoni qabel ma' jsiru testijiet tal-materjal uzat, jsir meeting fuq il-post bejn rapprezentanti tal-Kunsill, il-

perit tal-Kunsill u l-kuntrattur, sabiex jispezzjonaw ix-xoghol li sar u jigu rrangati xi xogholijiet hziena, u qabel ma' jigi approvat l-pagament mill-Kunsill.

**6.0 Xiri ta' *Dog Litter Bins*.**

6.1 Wara l'esperiment li sar bix-xiri ta' tliet *Dog Litter Bins* l-Kunsill iddecieda li jinxtraw 4 ohra u li dawn jitpoggew: 2 fi Vjal Indipendenza, u 2 fi Triq is-Sghajtar.

**7.0 Xiri ta' Bankijiet.**

7.1 Is-segretarju spjega li huwa, fl-imkien mal-handyman, kien identifika zewg haddieda li kienu lesti jaghtu stima ghall-bankijiet *semi-finished.* Wiehed kien mill-Mosta, is-Sur Joe Sant, li ta stima ta' Euro 302.82 (LM130) u l'iehor miz-Zejtun, is-sur Charlie Mercieca, li ta stima ta' Euro 151.41 (LM65) ghall istess xoghol ta' hadid *supply-only* minghajr *welding* u galvanizzar (stmat bit LM3 il-kilo') u minghajr injam. Ix-xewqa tas-Sindku kienet li x-xoghol tal-*welding* u injam isir mill-*handymen* tal-kunsill u b'hekk jigu iffrankati l-flus. Is-Segretarju Ezekuttiv gie inkarigat jordna 30 bank miz-Zejtun b'din is-sistema.

**8.0 Uniformi ghall-Haddiema Industrijali.**

8.1 Gie approvat li jinxtraw uniformijiet ghall-haddiema industrijali tal-Kunsill

**9.0 *Patching* ta' Toroq.**

Intalbu stimi ghall-*patching* ta' diversi toroq fil-Mosta minghand il-kuntrattur tal-*patching*. Il-Perit Chris Grech insista li dawn ghandhom isiru, izda wara li jinhatar l-*Contract Manager* skond it-*tender* li kien diga nhareg. Huwa qal ukoll li ghandu jigi ezaminat il-kuntratt tal-*patching* sabiex jigi deciz jekk il-kuntratt jippermettix li

jsir dan ix-xoghol; jew jekk il-kuntratt kienx skada ghax inqabzet is-somma ikkuntrattjata.

**10.0 Attivitajiet tal-Milied.**

10.1 Gie deciz li jinghata t-*tender* tat-tizjin bid dawl lill *Lawrence Cassar Limited* ghas-somma ta' Euro 11,300 sabiex isiru t-toroq: Kostituzzjoni (in-naha t'isfel), Main Street (minn *City Bar* san-*Nelson Rest.*), il-Pjazza Rotunda, u triq il-Kungress Ewkaristiku (mill-*Clinic* sal-Pjazza). Gie spjegat li n-naha ta' fuq ta' Triq il-Kostituzjoni ser issir fuq inizjattiva tal-hwienet ta' dik l'*area* u li dawn ghamlu arrangamenti ma' l'istess kuntrattur. Ic-cerimonja ta' *switching-on* tat-toroq ghandha ssir fl-1ta'Dicembru u jigu mistiedna l-kunsilliera, membri parlamentari, sidien tal-hwienet, u tal-media. Ghandu jsir ukoll reklam *full-page* fil-gazzetta *The Times* bl-ismijiet tal-hwienet partecipanti sabiex jaghti spinta l-kummerc fic-centru tal-Mosta.

10.2 Gie approvat li l-Perit Chris Grech jorganizza marc bil-banda fit 13ta'Dicembru ghas-somma ta' Euro 815.28 (Lm350.--).

10.3 Gie approvat li s-Sinjura Agius Decelis torganizza zewg parties ghat-tfal ta' bejn il-5 u 12 il-sena fit 22 u 23 ta' Dicembru. Jigu iccargjati 2Euros kull tifel u tifla. Il-Kunsill ihallas ghar-rigali u ikel sa' massimu ta' Euro 1,200.--.

10.4 Gie approvat li s-Sindku jiehu hsieb jorganizza l-ikla annwali *(Dinner)* ghall-kunsilliera u *staff* flimkien mal-*partners* taghhom kif hi l'uzanza li jsir kull sena.

10.5 F'dan il-hin is-Sinjura Josette Agius Decelis harget mill-laqgha.

10.6 Gie approvat li s-Sur Mario Sammut jorganizza party fl-14ta' Dicembru 2008 ghall ~~handikappati~~ fl-Oratorju Qalb ta' Gesu bhala parti mill-attivitajiet tal-ghaqda Ruh Socjali bill-kollaborazzjoni tal-Kunsill bi spiza ghall-Kunsill ta' Euro 465.87 (LM200.--).

10.7 Gie approvat li s-Sur Mario Sammut jorganizza party ghall-anzjani fis-Sala tal-Kunsill bi spiza massima ta' Euro 1,100 fiz 17ta'Dicembru 2008.

10.8 Gie approvat li l-Kunsill ihallas ghall-garr tal-anzjani bil-*private* ghall-attivita li saret mill-Kunsillier Mario Sammut fid-19ta' Novembru 2008 fil-Mistra.

**11.0 Tender/Kuntratt tal-Periti tal-Kunsill.**

11.1 Gie spjegat li fl-ufficju tal-Kunsill ma' nstab l'ebda kuntratt tal-periti Sant & Mugliett u li l'anqas il-perit stess ma' ipproduca kopja tal-kuntratt li ghandu mal-Kunsill meta ntalab jaghmel dan. Is-Segretarju Ezekuttiv intalab jerga jitlob lill-perit jipproduci kopja tal-kuntratt fi zmien 15 il-gurnata. Sa dan it-tant ghandu jigi ippreparat *tender* ghall ghoti mill-gdid tal-kuntratt. Il-periti prezenti ghandhom jkomplu bix-xoghol li hu mibdi.

**12.0 Hwejjeg Ohra.**

Kif kien ta avviz is-Segretarju Ezekuttiv fil-bidu tas-seduta, huwa resseq zewg items ghall-konsiderazzjoni tal-Kunsill:

(1) Huwa qal illi jixtieq approvazzjoni mill-Kunsill li l-*leave* kollu li huwa ma kienx ha matul is-sena 2008 jkun jista jittiehed minnu fis-sena 2009. Huwa spjega li minhabba xoghol kbir li huwa kellu, kif ukoll nuqqas ta' *staff* (specjalment *Environment Officer*) huwa ma ' kienx f'pozizzjoni li jista jiehu *leave* u ghallhekk kien qed jaghmel din it-talba. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Ezekuttiv jista jzid il-*leave* tas-sena 2008, li huwa intitolat ghalih, mall-*leave* tal-2009.

(2) Is-Segretarju Ezekuttiv gibed ukoll l'attenzjoni tal-Kunsill li ghall bosta xhur huwa kellu zewg membri ta' l-istaff klerikali neqsin, wara li wiehed gie itterminat u ohra irrezenjat. Huwa kien qed jitlob li tinhareg sejha u dawn jigu appuntati sabiex tonqos il-pressjoni ta' xoghol min fuq l-*staff* l-iehor li kien ghad fadal. Ma kienx possibli li Kunsill kbir bhall dak tal-Mosta jibqa b'dan in-nuqqas ta' *staff* u li jekk kemm il-darba l-Kunsill ma' kienx ser

jiddeciedi fuq dan huwa kien ser ikun kostrett jirreferi lid-Diretttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

Is-Sindku qal li din il-materja ghandha tigi diskussa mument iehor. Is-Sindku wieghed li seduta ohra ghandha ssir fi zmien hmistax il-gurnata u jpoggi din il-kwistjoni fuq l'Agenda tal-laqgha li jmiss. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghallkemm huwa kien taht pressjoni kbira, kien lest jistenna ftit granet ohra izda jekk din il-materja ma' tigix trattata fis-seduta li jmiss huwa kien ser jirreferi l-kwistjoni ta' nuqqas ta' staff lid-Direttur. Huwa qal li l-istaff kien imxebba b'din is-sitwazzjoni u kien qed jistenna li tittiehed xi azzjoni min naha ta' dawn barra li huwa stess ma' setax jaghmel x-xoghol sew u kif mistenni minnu jekk din is-sitwazzjoni tippersisti.

13.0 Billi kien sar il-hin il-laqgha spiccat fil-10.10p.m. Items tal-Agenda Nru.7, 8,9,10,11,13,u 14 ma gewx diskussi.

Dott. Paul Chetcuti Caruana

Sindku.

Mr. John J. Camilleri

Segretarju Ezekuttiv.